# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 t'April, 2016.**

**Rikors Numru 321/2013 SM**

**Charles Grech (I.D. 1099347 M)**
**Joseph Grech (I.D. 757350 M)**

**vs.**

***HSBC Bank Malta p.l.c.* (C – 53705) u**
**Sergio Manche` (I.D. 121356 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 t'April, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti Charles Grech sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti u l-intimat Sergio Manche` kienu jinnegozjaw flimkien;

1.2. Illi l-istess intimat kien jinnegozja taht id-ditta bl-isem ta' *"Tabletop";*

1.3. Illi r-rikorrenti u l-istess intimat fethu kont bankarju mal-Bank intimat u intestat *"Messers J & C Grech and S. Manche`, T/A Tabletop"*;

1.4. Illi l-istess kont kellu jkun amministrat b'zewg (2) firem mit-tlett firmatarji involuti (ara foll 1);

1.5. Illi l-Bank intimat kien awtorizza l-izbank ta' diversi cekkijiet mill-intimat Manche` kontra l-imsemmija istruzzjonijiet;

1.6. Illi permezz ta' sentenza datata t-**18 ta' Settembru, 2012**, fl-ismijiet **Charles Grech vs. *HSBC Bank Malta p.l.c.***, u b'digriet datat **d-29 t'April, 2010**, ordnat li jissejjah fil-kawza Sergio Manche`, (ara foll 6 *et sequitur*) l-istess Manche` hareg zewg cekkijiet hemm indikati fl-ammonti rispettivi ta' tlett mija u hamsa u disghin Ewro u seba` u hamsin centezmu, (€395.57), u erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€4,658.75), rispettivament b'firma wahda u b'firma falsifikata, u ordnat lill-istess Bank intimat biex jiddepozita l-ammont komplessiv ta' hamest elef u erbgha u hamsin Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€5,054.32), fil-kont bankarju hemm indikat bl-imghax applikabbli dekorribbli mid-data li c-cekkijiet *de quo* issarrfu, sal-gurnata li fiha jsir id-depozitu, (ara foll 2);

1.7. Illi permezz t'ittra ufficjali datata s-27 ta' Settembru, 2012, l-intimat Manche` informa lill-kontendenti li kien qieghed ihassar, jannulla u jikkancella l-mandat bankarju, (ara foll 16);

1.8. Illi konsegwenza tal-istess il-Bank intimat ma setghax jawtorizza zbank jekk mhux bit-tlett (3) firmatarji flimkien;

1.9. Illi r-rikorrenti jixtiequ:

1.9.1. Jghalqu l-kont bankarju fuq riferit; u

1.9.2. Jizbankaw l-ammont kollu dovut lilhom;

1.10. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tordna l-gheluq tal-kont bankarju fuq riferit mizmum taht il-kontroll tal-Bank intimat; u

1.10.2. Fil-likwidazzjoni tal-imsemmi kont bankarju tiehu in konsiderazzjoni l-izbank li l-intimat Manche` ghamel b'mod frawdolenti;

1.10.3. Tordna lill-Bank intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €5,054.32 li hemm fil-kont bankarju fuq riferit, jew dak l-ammont hekk likwidat;

1.10.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-Bank intimat datata s-6 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha r-rapprezentanti tal-istess sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi *stante* li l-Bank intimat gie traxxinat fil-kawza odjerna minhabba l-esistenza ta' kont bankarju li jista` jinghalaq jew bi qbil bejn il-firmatarji, jew b'ordni gudizzjarju, dan m'ghandux jehel l-ispejjez ta' din il-procedura minhabba nuqqas ta' qbil bejn il-firmatarji;

2.2. Illi trid issir il-prova tal-kwoti rispettivi tal-ko-firmatarji;

2.3. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-dikjarazzjoni tal-istess Bank intimat li ggib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha l-intimat Manche` sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:

4.1. Illi rigward l-ewwel talba tar-rikorrenti li ghandu jinghalaq il-kont bankarju in dizamina, jiddikjara li jaqbel li dan il-kont ghandu jinghalaq;

4.2. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-intimat odjern agixxa b’mod frawdolenti hi infondata, u ghalhekk ghandha tigi respinta;

4.3. Illi f’dan il-kuntest l-istess intimat ukoll jaghmel referenza ghas-sentenza ta’ din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Charles Grech vs. *HSBC Bank Malta p.l.c. et*** datata t-**18 ta’ Settembru, 2012**, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.), aktar qabel u foll 6 *et sequitur*), fejn imkien ma jinghad li agixxa b’mod frawdolenti;

4.4. Illi jiddikjara li jaqbel li l-assi mizmuma fil-kont bankarju in dizamina jigu likwidati u jinqasmu b’mod ugwali bejn l-intimat u r-rikorrenti, u dan, skont ftehim milhuq bejn l-istess partijiet;

4.5. Illi kien kostrett jirtira l-mandat bankarju moghti lill-Bank intimat *stante* li r-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jizbankaw l-assi hemm mizmuma minghajr ma jinqasmu kif originarjament pattwit;

4.6. Illi konsegwentement, anke t-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta, (ara paragrafu numru wiehed punt ghaxra punt tlieta, (1.10.3.), aktar qabel);

4.7. Illi l-intimat m’ghandux jigi akkollat bl-ispejjez;

4.8. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha datat it-28 t’April, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 96), u kif sussegwentement awtorizzata, (ara foll 114);

6. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-18 ta’ Mejju, 2015, (ara foll 97), flimkien ma dik tal-Bank intimat datata l-5 ta’ Gunju, 2015, (ara foll 105), u dik tal-intimat Manche` datata l-11 ta’ Jannar, 2016, (ara foll 120);

7. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-Bank intimat datat it-12 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu, filwaqt li rriferew ghat-tielet (3) paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess Bank fejn indikaw li l-intimat Manche` ma kien effettwa l-ebda depozitu fil-kont hemm indikat, jiddikjaraw li a bazi tax-xhieda tar-rapprezentant tal-istess Bank l-intimat Manche` kien effettivament effettwa l-pagament minnu dovut, (ara foll 115);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

10. Tirrileva li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet kontendenti ma ttrattawx il-kaz oralment kif minnhom mitlub, (ara foll 96);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

11.1. Illi fis-snin tmenin (80), ir-rikorrenti u l-intimat Manche` kienu bdew jinnegozjaw flimkien, (ara foll 65, 78 u 85);

11.2. Illi dan in-negozju kien jikkonsisti fl-importazzjoni ta' *"household goods"* da parti tar-rikorrenti li kienu jghadduh lill-intimat Manche` biex min-naha tieghu jbieghu mill-hanut li kellu bl-isem ta' *"Tabletop"* fil-fond numru 61, Triq Nofs Inhar, Valletta, (ara foll 65, 78 u 85);

11.3. Illi peress li fil-bidu tal-istess negozju l-imsemmi hanut kien fi stat dilapidat, ir-rikorrenti investew somma ingenti biex jirrangawh, (ara foll 65 u 78);

11.4. Illi l-ftehim rigwardanti l-bejgh in dizamina kien a bazi ta' *"household goods on consignment"*, (ara foll 65 u 78);

11.5. Illi r-rikavat tal-bejgh in dizamina kien imur fil-kont bankarju miftuh b'mod kongunt mill-kontendenti ahwa Grech u Manche` fi hdan il-Bank intimat, (ara foll 65, 78 u 85), ghalkemm ir-rikorrenti Charles Grech jindika kont bankarju bin-numru 00391808554, (qabel 391808554),

(ara foll 65), izda l-Bank intimat u l-intimat Manche` jindikaw bin-numru 039-036546-001, (ara foll 81 u 85);

11.6. Illi f'dan ir-rigward l-istruzzjonijiet moghtija mid-detenturi tal-istess kont bankarju lill-Bank intimat kienu li kwalunkwe zbank li kien jista` jigi awtorizzat kellu jigi awtorizzat u rilaxxat meta konfortat b'zewg (2) firem mit-tlett (3) firmatarji tal-istess, (ara foll 65, 67, 78 u 85);

11.7. Illi *nonostante* tali struzzjoni specifika r-rikorrenti jsostnu li gew zbankati hames (5) cekkijiet b'mod li jmorru kontra l-istess struzzjonijiet moghtija lill-istess bank u kontra l-ftehim bejn ir-rikorrenti Grech u l-intimat Manche`, (ara foll 65, 68 sa 73 u 78);

11.8. Illi permezz tas-sentenza fuq riferita datata t-18 ta' Settembru, 2012, (ara paragrafu numru wiehed punt sitta, (1.6.) aktar qabel u foll 6 *et sequitur*), il-qorti diversament preseduta kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti li c-cekkijiet in dizamina kienu gew zbankati irregolarment limitatament ghal zewg (2) cekkijiet biss minn hamsa (5), u konsegwentement ordnat lill-Bank *de quo* jiddepozita s-somma ta' hamest elef u erbgha u hamsin Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€5,054.32), fil-kont bin-numru 039-03654001, (ara foll 14);

11.9. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti jirreferi ghac-cekkijiet a foll 69 fl-ammont ta' Lm169.82 u dak a foll 73 fl-ammont t'Lm2,000.00, (ara foll 69 u 73);

11.10. Illi l-Bank intimat kien eventwalment iddepozita l-ammont hekk determinat tlett (3) xhur wara l-imsemmija sentenza, (ara foll 115);

11.11. Illi kif indikat fil-verbal datat it-12 ta' Jannar, 2016, eventwalment l-intimat Manche` effettwa il-pagament minnu dovut fuq riferit, (ara foll 134);

11.12. Illi effettivament ghalhekk jirrizulta li meta l-intimat Manche` effettwa l-pagament indikat fil-paragrafu precedenti hu kien qieghed jottempora ruhhu ma' l-interpellazzjoni lilhu espressament intimata mill-Bank fuq riferit, (ara foll 83);

11.13. Illi konsegwentement l-istess intimat Manche` ghalhekk irtira wkoll il-mandat bankarju involut, (ara foll 91);

Ikkunsidrat:

12. Illi tenut kont tas-suespost, il-procedura odjerna allura tirrigwarda esklussivament l-ammont komplessiv involut fiz-zewg (2) cekkijiet fuq riferiti flimkien ammontanti ghal €5,054.32, (ara paragrafu numru hdax punt tmienja, (11.8.), aktar qabel);

13. Illi fir-rigward tac-cekkijiet l-ohra indikati mir-rikorrenti, is-sentenza tat-18 ta' Settembru, 2012, (ara foll 6 *et sequitur*), epurat il-kwistjoni b'mod finali u determinanti billi cahdet it-talbiet tal-istess rikorrenti fir-rigward ghar-ragunijiet hemm migjuba;

Ikkunsidrat:

14. Illi fil-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina *et***, datata l-**25 ta' Settembru, 2003, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili** sostniet li l-elementi li jikkostitwixxu gudikat:

> "... huma l-istess oggett, (*eadem res*), l-istess partijiet, (*eadem personae*), u l-istess mertu, (*eadem causa petendi*) ... l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat"

15. Illi ghalhekk, fid-dawl tar-rizultanzi kif fuq sintetikament elenkati, ghandu jkun pacifiku li bejn it-tieni talba tal-procedura odjerna u dak gia` deciz definittivament bis-sentenza tat-18 ta' Settembru, 2012, jezisti identita` tal-mertu u konsegwentement, mhux koncess li r-rikorrenti jerghu jifthu l-istess kwistjoni li gia` giet konklussivament deciza u ghaddiet in gudikat;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti senjatament dik rigwardanti t-talba li l-Bank intimat jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti €5,054.32, jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi skont ftehim datat iz-19 ta' Mejju, 1986, (ara foll 87), il-partijiet hemm indikati ftehmu s-segwenti:

16.1.1. Illi l-intimat Manche` kien l-agent tar-rikorrenti, (ara foll 87);

16.1.2. Illi l-profitti tan-negozju in dizamina kellu jinqasam ugwalment bejn ir-rikorrenti ahwa Grech u l-intimat Manche`, (ara foll 88 u foll 117);

Ikkunsidrat:

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1002 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabilixxi li:

> "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni";

18. Illi ghalhekk, meta l-intenzjoni tal-partijiet tkun cara, allura m'ghandu jkun hemm l-ebda lok ghall-manuvrar fl-interpretazzjoni hlief dik li tirrizulta b'mod car u univoku;

19. Illi f'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Terres Company Limited u Gauci Holdings Company Limited vs. L-Ghajn Construction Company Limited u 1 Ideal Constructions Limited** datata l-**15 ta' Jannar, 2013**, fejn **il-Prim' Awla tal-Qorti Civili** irriteniet:

> "Illi dan il-principju gie applikat konsistentement minn dawn il-qrati u hawn issir riferenza ghas-sentenza ***Bartolomeo Micallef vs. JCR Limited***, (P.A. – ***29 ta' Jannar, 2009***), fejn inghad li la darba "minn qari tal-istess kuntratt jirrizulta car li l-kliem tal-istess ftehim jindikaw b'mod preciz x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet ... b'mod li ma hemmx bzonn ta'

ebda interpretazzjoni, (***Avukat Dottor Joselle Farrugia vs. Dr. Pascal Demajo et nomine***, ***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, datata d-***9 ta' Dicembru, 2002***), mela allura ghandu jigi ritenut li l-intenzjoni tal-partijiet hija manifestata b'dak li jipprovdi b'mod car l-istess kuntratt u m'ghandux ikun hemm lok ta' interpretazzjoni";

Ikkunsidrat:

20.0. Illi mir-rizultanzi riskontrati mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi l-ammonti zbankati permezz tac-cekkijiet numru 937, (ara foll 69), u 946, (ara foll 73), jirrizultaw li kienu profitti regolati bil-ftehim fuq riferit datat iz-19 ta' Mejju 1986, (ara foll 87);

20.2. Illi sussegwentement jirrizulta li gia` wkoll effettwat ir-rimbors dovut *ai termini* tad-decizjoni tal-Prim' Awla diversament preseduta datata t-18 ta' Settembru, 2012, (ara foll 6);

20.3. Illi konstatat is-suespost, allura l-presunzjoni eccepita mill-Bank intimat li l-kwoti fil-kont tar-rikorrenti u tal-intimat Manche` huma fi kwoti indaqs ma tapplikax;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi rigward ir-risposti tal-intimati koncernanti dwar r-respingiment tal-ispejjez gudizzjarji, jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-principji rigwardanti l-ispejjez gudizzjarji gew elenkati mill-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs. Josette Xuereb**, datata s-**16 ta' Settembru, 2004**;

21.2. Illi jirrizulta li l-Bank intimat naqas li jaccerta ruhhu mill-awtenticita` tal-firem fuq ic-*cheque* numru 946, (ara foll 73 u 65);

21.3. Illi *di piu`*, l-istess Bank intimat jirrizulta li naqas li josserva l-kondizzjonijiet tal-kont bankarju li kien eziga li kellu jkun hemm zewg firem biex jigi effettwat l-izbank relattiv ghac-*cheque* numru 937, (ara foll 69 u 65);

21.4. Illi kif ritenut mill-qorti fuq indikata fis-sentenza taghna tat-18 ta' Settembru, 2012, (ara foll 6), kien l-intimat Manche` li kien gibed u ha l-flus *de quo*, mill-kont in dizamina u li konsegwentement, flimkien mal-Bank intimat, allura taw bidu anke ghall-proceduri odjerni;

**DECIDE:**

22.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti taqta` u tiddeciedi l-varji talbiet bil-mod segwenti:

22.1. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba tar-rikorrenti din it-talba qed tintlaqa`, u dan, *stante*, l-ammissjoni tal-istess mill-intimat Manche` fir-risposta tieghu, (ara foll 53);

22.2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, *stante*, li c-cekkijiet in dizamina gia` gew parzjalment decizi minn din il-qorti diversament preseduta, (ara sentenza a foll 6 *et sequitur*), allura tibqa` valida biss fil-konfront tac-cekkijiet a foll 69 u foll 73, senjatament komplessivament ammontanti ghal hamest elef u erbgha u hamsin Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€5,054.32), liema ammont ghandu jithallas mill-intimat Sergio Manche` lir-rikorrenti ahwa Grech;

22.3. Illi pero` fir-rigward tal-ammont indikat fil-paragrafu precedenti, japplika l-ftehim konkluz bejn ir-rikorrenti u l-intimat Manche` datat iz-19 ta' Mejju, 1986, u konsegwentement tordna li l-ammont hemm indikat jinqasam bejn l-imsemmija partijiet ir-rikorrenti ahwa Grech u l-intimat Manche` *ai termini* tal-paragrafu numru sebgha (7) tal-istess kuntratt, (ara foll 88);

22.4. Illi in vista tal-premess, it-tieni (2) risposta guramentata tal-Bank intimat qeghda ghalhekk tigi respinta;

22.5. Illi wkoll, in vista tal-istess, tilqa` it-tielet (3) risposta guramentata tal-intimat Manche`;

22.6. Illi rigward l-ispejjez ta' din il-procedura tiddikjara li dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn l-intimati.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**